**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-ERBGHA 27 TA' FRAR, 2002**

**Avviz Nru: 424/01 AJD**

**Ian Duncan**

**vs**

**Euro Chemie Products Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-22 ta' Gunju, 2001, fejn l-attur talab li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallsu s-somma ta' mitejn u seba' liri Maltin (Lm207.00) u dan wara li gie premess li l-attur kien impjegat mas-socjeta' konvenuta li tterminat l-impjieg tieghu f'Awissu / Settembru, 2000, u meta din hallset is-salarju lilu dovut baqghet ma hallsitux ta' jiem tal-vakanzi u hwejjeg ohra li jammontaw komplessivament ghal mitejn u seba' liri Maltin (Lm207.00)

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet:-

1. Illi t-talba attrici ghandha tigi respinta bl-ispejjez kontra l-attur stante li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-attur ghandu jindika kif wasal ghall-ammont pretiz, u ghal liema 'hwejjeg ohra' qed jirreferi.
3. B'riserva ta' eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema' x-xhieda tal-attur u ta' Anthony Pisani rappresentant tas-socjeta' konvenuta.

Sema' t-trattazjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikunsidra:

1. Illi l-attur kien impjegat mas-socjeta' konvenuta izda l-impjieg tieghu gie terminat fit-28 ta' Awissu, 2000.

2. L-ammont ta' mitejn u seba' liri Maltin (Lm207.00) mitlub mill-attur f'din il-kawza jirrapprezenta hlas ta' erbatax il-gurnata 'leave' li ghalihom kien intitolat. L-attur kien jithallas bir-rata ta' erbatax il-lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm14.85) kuljum. L-istess attur esebixxa l-ahhar 'payslip' (a fol. 19) u minn dan id-dokument jirrizulta li huwa kellu 'leave balance' ta' 112 il-siegha li jammontaw ghal erbatax il-gurnata ta' xoghol.

3. Illi s-socjeta' konvenuta tikkontendi li dawn kienu sieghat ta' 'leave' li l-attur naqas milli jiehu s-sena ta' qabel ma gie terminat l-impjieg tieghu u li ghalhekk huwa ma kienx intitolat jithallas ta' dan il-'leave'. Is-socjeta' konvenuta qalet li hija kienet hallset lill-konvenut ghas-sieghat ta' 'leave' li naqas milli jiehu fl-2000 u cioe' is-sena meta gie tterminat l-impjieg tieghu.

4. Illi huwa stabbilit li sakemm ma jkunx hemm ftehim bejn l-impjegat u min jimpjega, fis-sens li l-'leave' li l-impjegat ma jilhaqx jiehu f'sena lavorattiva jizdied mal-'leave' tas-sena ta' wara, l-impjegat jitqies bhala li tilef dawk is-sighat ta' 'leave' li ma jkunx ha fl-ahhar tas-sena.

5. Illi fil-fehma tat-Tribunal, il-fatt li fl-ahhar 'payslip' hemm indikat li l-attur kellu 'leave balance' ta' 112 il-siegha jindika li s-socjeta' konvenuta kienet accettat li titrasferixxi l-'leave' ghas-sena ta' wara. Isegwi ghalhekk li l-attur kien intitolat jithallas ghal dan il-'leave' li ma uzufruwiex minnu fid-data tat-terminazzjoni tal-impjieg tieghu minn mas-socjeta' konvenuta.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' mitejn u seba' liri Maltin (Lm207.00).

L-ispejjes ta’ din l-istanza jithallsu interament mis-socjeta’ konvenuta skond il-ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**